**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0037/2016**

24.2.2016

*****I**
# RAPPORT

dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni)
(COM(2014)0466 – C8-0107/2014 – 2014/0216(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Laura Ferrara

(Kodifikazzjoni – Artikolu 103 tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

ANNEX: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI ........ 6

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ................................................................. 9

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni) (COM(2014)0466 – C8-0107/2014 – 2014/0216(COD))**

**Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0466),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0107/2014),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2014[1],

– wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 - Metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0037/2016),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

ANNEX: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussel, 12 ta' Novembru 2014

**OPINION**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni)**
**COM(2014) 466 final tal-15.7.2014 – 2014/0216(COD)**

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti mis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fil-25 ta' Settembru u fl-14 ta' Ottubru 2014 kellu laqgħat ddedikati għall-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq imressqa mill-Kummissjoni.

F'dawk il-laqgħat[1], eżami tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE, irriżulta fl-istabbiliment, min-naħa tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, bi qbil komuni, ta' dan li ġej.

1) Fil-preambolu tal-verżjoni kodifikata tad-direttiva, it-test tal-premessa li ngħata n-numru 30 għandu jiġi inserit bejn il-premessi li ngħataw in-numri 39 u 40. Bħala konsegwenza ta' dan, il-premessi li ngħataw in-numri 31 sa 39 għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid, f'dan il-każ 30 sa 38, u l-premessa li ngħatat in-numru 30 għandu jkollha n-numru 39.

2) Fl-Artikolu 2(g), il-formulazzjoni eżistenti tal-Artikolu 2(3d) tad-Direttiva 1999/32/KE għandha tiġi introdotta mill-ġdid, f'forma daqsxejn mibdula, sabiex tinqara hekk: "*L-Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL tfisser l-Annes s, bit-titolu "Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja mill-Bastimenti" li l-Protokoll tal-1997 żied mal-MARPOL*";

3) Fl-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu, ir-referenza li saret għal "*paragrafi 2 u 4 ta' dan l-*

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv ħadem abbażi tal-verżjoni Ingliża tal-proposta, billi kienet il-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test li qed jiġi diskuss.

*Artikolu*" għandha tinbidel biex tinqara bħala referenza għal "*paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu*".

4) Il-formulazzjoni tal-Artikolu 20 għandha tiġi sostitwita mill-formulazzjoni segwenti: "*Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*".

B'konsegwenza ta' dan, l-analiżi tal-proposta ppermettiet li l-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, bi qbil ġenerali, li l-proposta hija kodifikazzjoni ċara ta' testi attwali, mingħajr tibdil sostanzjali

| | | |
|---|---|---|
| F. DREXLER<br>Ġurikonsult | H. LEGAL<br>Ġurikonsult | L. ROMERO REQUENA<br>Direttur Ġenerali |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | It-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni) |
| **Referenzi** | COM(2014)0466 – C8-0107/2014 – 2014/0216(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 15.7.2014 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>28.1.2015 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Laura Ferrara<br>13.11.2014 |
| **Data tal-adozzjoni** | 2.12.2014 |
| **Data tat-tressiq** | 24.2.2016 |